MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Ġunju, 2024

Appell Inferjuri Numru 18/2018LM

**BMER Contracting Limited (C 73180)**
*('l-appellanta')*

***vs***

**Il-Kummissarju tat-Taxxi u Dwana**[1]
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **BMER Contracting Limited (C 73180)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fit-23 ta' Frar, 2023 [hawnhekk 'is-sentenza appellata'], wara

[1] Żieda awtorizzata b'digriet tal-11.10.2023.

proċeduri mibdija minnha fil-konfront tal-intimat il-**Kummissarju tat-Taxxi u Dwana** [hawnhekk 'il-Kummissarju Intimat'] dwar stejjem proviżorji ta' taxxa maħruġa mill-Kummissarju intimat.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tar-rikors tagħha quddiem it-Tribunal, is-soċjetà rikorrenti spjegat li hija rċeviet stejjem proviżorji ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) maħruġa mill-Kummissarju intimat, datati t-28 ta' Settembru, 2018, għall-perijodu bejn l-1 ta' Novembru, 2015 sal-31 ta' Jannar, 2016, u għall-perijodu bejn l-1 t'Awwissu, 2016 sal-31 ta' Ottubru, 2016. Qalet li dawn l-istejjem ġew ikkontestati, u dan permezz ta' talba għal reviżjoni ta' stima provviżorja datata t-18 ta' Ottubru, 2017. Is-soċjetà rikorrenti qalet li permezz ta' stima datata t-28 ta' Jannar, 2018, il-Kummissarju intimat infurmaha li d-denunzja tagħha ġiet emendata, u għall-perijodu bejn l-1 ta' Novembru, 2015 sal-31 ta' Jannar, 2016, l-ammont mitlub wara l-aġġustament jammonta għal mija u ħamsa u għoxrin elf, mitejn u tmenin Euro (€125,280), inkluż it-taxxa amministrattiva, filwaqt li għall-perijodu bejn l-1 t'Awwissu, 2016 sal-31 ta' Ottubru, 2016, l-ammont komplessiv dovut wara l-aġġustament, ġie jammonta għas-somma komplessiva ta' sitta u tmenin elf, erba' mija u wieħed u għoxrin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€86,421.35). Is-soċjetà rikorrenti spjegat li hija ħassitha aggravata b'dan l-avviż, fl-ewwel lok għaliex fil-fehma tagħha, id-deċiżjoni tal-Kummissarju hija mingħajr bażi, u għalhekk kompletament infondata legalment. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li hija xtrat diversi inġenji, bl-iskop aħħari li tibda tiġġestixxi attività kummerċjali ġdida fil-qasam tal-kostruzzjoni. Qalet li hija għandha l-irċevuti u l-fatturi kollha relatati ma' dan l-akkwist, skont dak li jipprovdi l-Kap.

406 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li dawn il-fatturi u *invoices* kollha ġew ippreżentati lid-Dipartiment tat-Taxxi fit-terminu stabbilit għal dan l-iskop, imma minkejja dan, u mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi, il-Kummissarju intimat infurmaha li ma kienx ser joħroġ *refund.* Is-soċjetà rikorrenti qalet li inoltre, il-Kummissarju intimat talabha tirrifondi r-*refund* li kien ħallas lilha preċedentement, flimkien mal-penali u l-imgħaxijiet relattivi. Is-soċjetà rikorrenti qalet li dan juri ċar li hija kienet effettwat il-ħlasijiet kollha dovuti minnha, u jekk kien hemm xi nuqqas fis-sens li ma tħallasx dak li kien dovut, dan ma kienx attribwibbli għal xi nuqqas jew aġir min-naħa tagħha. Is-soċjetà appellanta qalet li l-problema prinċipali li jidher li għandu l-Kummissarju appellat, huwa li hija ħallset madwar miljun Euro fi flus kontanti għall-akkwist ta' dawn l-inġenji, u għalhekk għajr għall-fatturi u l-*invoices,* hija m'għandha l-ebda evidenza oħra x'tipproduċi bħala prova li kien hemm dan l-akkwist min-naħa tagħha. Is-soċjetà rikorrenti qalet li dan ma jfissirx li t-tranżazzjoni ma seħħitx jew li l-akkwist mhux veru li sar, u għalhekk id-deċiżjoni tal-Kummissarju appellat hija bbażata fuq assunzjonijiet, konġetturi u suppożizzjonijiet, u mhux fuq bażi legali soda.

3. Il-Kummissarju intimat wieġeb li s-soċjetà rikorrenti rreġistrat sabiex tibda attività ekonomika *ai termini* tal-artikolu 10 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta mill-1 ta' Novembru, 2015. Qal li din l-attività ekonomika kienet deskritta bħala '*construction of residential and non-residential buildings'.* Spjega li fil-5 ta' Mejju, 2017, huwa kiteb lis-soċjetà rikorrenti, sabiex din tgħaddilu d-dokumentazzjoni neċessarja u l-kotba tan-negozju elenkati fl-istess korrispondenza, sabiex tkun tista' tinbeda investigazzjoni fil-konfront tagħha. Qal li din l-ittra ġiet notifikata lis-soċjetà rikorrenti fit-12 ta' Mejju, 2017. Il-

Kummissarju intimat qal li minn din l-investigazzjoni rriżulta li s-soċjetà rikorrenti talbet €176,408.09 *f'input VAT* li ma kienitx dovuta lilha, u huwa wasal għal din il-konklużjoni wara li s-soċjetà rikorrenti naqset bl-aktar mod grossolan milli tiddefinixxi l-attività ekonomika tagħha *vis-à-vis* dak li jipprovdi l-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Kummissarju intimat qal li huwa kiteb lir-rikorrenti u mal-ittra tiegħu bagħat ukoll kopja tal-istejjem provviżorji, u s-soċjetà rikorrenti ġiet notifikata b'dan fis-6 ta' Ottubru, 2017. Il-Kummissarju intimat qal li s-soċjetà rikorrenti talbet li jsirilha *review,* u għaldaqstant huwa kitbilha sabiex ikun jista' jibda dan il-proċess. Qal li meta huwa talab lis-soċjetà rikorrenti tippreżentalu d-dokumentazzjoni neċessarja sabiex tkun tista' tiċċara l-pożizzjoni tagħha dwar il-pagamenti li allegatament saru fuq l-infiq kapitali imsemmi, l-ispjegazzjoni mogħtija mir-rikorrenti ma kienitx tali li l-istejjem provviżorji setgħu jiġu kkanċellati. Il-Kummissarju intimat qal li għalhekk huwa ma kien fadallu l-ebda triq oħra għajr li jikkonferma l-istejjem provviżorji. Il-Kummissarju intimat qal li l-aggravji sollevati mis-soċjetà rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt, u d-dritt għall-*Input VAT* huwa wieħed sagrosant, li jrid jitħaddem skont għadd ta' parametri kif dettati mill-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Kummissarju intimat spjega li l-fatt li s-soċjetà rikorrenti ssottomettiet diversi denunzji tat-taxxa mingħajr ma kellha d-dokumentazzjoni meħtieġa, wassal għal għadd ta' domandi, u qal li din talbet €176,408.08 f'*input VAT* aktar milli kien dovut lilha, u dan peress li s-soċjetà rikorrenti baqgħet ma ċċaratx x'kienet l-attività ekonomika tagħha, la fl-istadju tal-investigazzjoni u lanqas fl-istadju ta' *review.* Qal ukoll li huwa prinċipju bażilari tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, li d-dritt għall-*input VAT* huwa marbut intrinsikament mal-attività ekonomika li jkun qiegħed jagħmel il-pagatur tat-taxxa, u ladarba s-soċjetà rikorrenti naqset milli

tipprova n-natura tal-attività ekonomika tagħha, konsegwentement il-Kummissarju intimat ċaħad it-talba tagħha għall-*input VAT* li hija tippretendi li għandha jedd għalih. Il-Kummissarju intimat talab lit-Tribunal jiddikjara li l-likwidazzjoni tat-taxxa maħruġa minnu hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata.

**Is-Sentenza Appellata**

4. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Frar, 2023, it-Tribunal iddeċieda li l-appell tas-soċjetà rikorrenti mill-istejjem maħruġa fil-konfront tagħha mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-perijodu ta' taxxa 01.11.15-31.01.16 u 01.08.16-31.10.16 għandu jiġi miċħud, filwaqt li l-imsemmija stejjem maħruġa mill-Kummissarju intimat għandhom jiġu kkonfermati, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***"Ikkonsidra:***
>
> *Permezz ta' żewġ stimi għall-perijodu ta' taxxa 01.11.15-31.01.16 u 01.08.16-31.10.16 maħruġa fil-11 ta' Jannar, 2018 (fn. 8 fol. 55 u 56 tal-proċess), il-Kummissarju tat-Taxxi jesiġi mingħand is-soċjetà rikorrenti l-ħlas tas-somma komplessiva ta' €176,408.69 rappreżentanti taxxa fuq il-valur miżjud, flimkien mas-somma komplessiva ta' €35,287.74 rappreżentanti taxxa amministrattiva u s-somma ulterjuri ta' €10.92 rappreżentanti imgħax, komplessivament ammontanti għal* ***€211,707.35****. L-imsemmija soċjetà tikkontesta dawn l-istejjem maħruġa fil-konfront tagħha u permezz tal-appell odjern titlob li dan it-Tribunal iħassar, jirrevoka u jikkanċella tali stejjem u minflok jordna li l-istess stejjem jiġu riveduti, u dana taħt dawk il-provvedimenti li jidhrulu xierqa u opportuni.*
>
> *Is-soċjetà rikorrenti tibbaża l-appell tagħha mill-istejjem għall-perijodi ta' taxxa 01.11.15-31.10.16 u 01.08.16-31.10.16 fuq is-segwenti aggravji: (i) id-deċiżjoni meħuda mill-Kummissarju tat-Taxxi hija bla bażi u għalhekk kompletament infondata legalment u dana billi ma hijiex sorretta minn fatti konkreti; (ii) is-soċjetà rikorrenti akkwistat diversi inġenji u dan bl-iskop li tibda tiġġestixxi attività kummerċjali ġdida, fil-qasam tal-kostruzzjoni; (iii) għall-fini tal-prova tal-akkwist ta' dawn l-inġenji s-*

*soċjetà Rikorrenti għandha l-aqwa prova u ċioe l-irċevuti u fatturi kollha ta' tali akkwist, liema fatturi u invoices ġew kollha ppreżentati lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud; (iv) minkejja tali dokumentazzjoni u bla ebda raġuni valida fil-liġi, il-Kummissarju tat-Taxxi għarraf lis-soċjetà Rikorrenti li mhux se jinħareġ refund favur tagħha u li refund lilha mogħti in preċedenza kien qed jintalab lura; (v) is-soċjetà Rikorrenti effettwat il-ħlas kollu minnha dovut u jekk kien hemm xi nuqqas, fis-sens li ma tħallasx dak dovut, dan ma sarx da parte tagħha; (vi) għalkemm jidher li l-Kummissarju tat-Taxxi għandu problema bil-fatt li s-soċjetà Rikorrenti ħallset għall-inġenji in kwistjoni f'madwar ta' €1,000,000 fi flus kontanti u l-unika prova ta' dan huma l-fatturi u invoices prodotti minnha, dan assolutament ma għandux ifisser li t-transazzjoni in kwistjoni ma seħħitx u li għaldaqstant l-akkwist mhux veru; (vii) id-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi hija bbażata biss fuq assunzjonijiet, konġetturi u suppożizzjonijiet u b'hekk hija bla bażi soda u legali.*

*Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.11.15-31.01.16 u 01.08.16-31.10.16 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija stimi jiġu kkonfermati stante li: (i) għalkemm id-dritt għall-kreditu għall-input tax huwa dritt sagrosant tat-taxpayer, dana huwa regolat bil-provvedimenti tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta u s-soċjetà rikorrenti ssottomettiet numru ta' denunzji tat-taxxa mingħajr però ma ssottomettiet id-dokumentazzjoni relattiva. Is-soċjetà rikorrenti ddikjarat €176,408.09 f'input tax aktar milli dovut lilha billi baqgħet ma ċċaratx x'inhi l-attività ekonomika tagħha, la fl-istadju tal-investigazzjoni u lanqas fir-review; (ii) il-provvedimenti tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmluha ċara ħafna li d-dritt għall-input tax huwa intrinsikament marbut ma' attività ekonomika tat-taxpayer. Ladarba s-soċjetà Rikorrenti baqgħet ma ppruvatx in-natura tal-attività ekonomika tagħha, il-kreditu għall-input tax minnha mitlub ġie rifjutat.*

*Il-bażi fuq liema nħarġu l-istimi fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenit tirriżulta b'mod ċar mill-Credit Control Exercise Report relattiv għall-credit control exercise li sar fir-rigward tal-kreditu għall-input tax reklamat mill-imsemmija soċjetà fid-denunzji tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.11.15-31.01.16 u 01.08.16 -31.10.16 u mir-Review Report relattiv għat-talba għal Review tal-istimi provviżorji li nħarġu fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti għall-imsemmija perijodi ta' taxxa, avanzata mill-istess soċjetà.*

*Fl-imsemmi Credit Control Exercise Report (fn. 9 Dok. "C" a fol. 17 sa 47 tal-proċess) ġie kkonstatat u konkluż is-segwenti:* **Scope of Verification –** The review covered two periods 01.11.15-31.01.16 and 01.08.16-31.10.16. File was referred for a credit control exercise focusing especially on capital expenditure and to establish registered person's business activity. Also in the above tax periods no supplies were declared.

Mr Attard (tax consultant tas-soċjetà Rikorrenti) produced VAT reports and invoices relating to capital expenditure via email correspondence. Appendices 2 and 3 refer – fol. 24 sa 41 tal-proċess. **Sales Analysis –** In both tax periods under review, company declared no supplies at all. **Input VAT analysis –** Total input VAT on purchases ledgers were compared to those stated on the VAT returns. The amount of input VAT on ledgers were found to tally with that stated in the VAT returns. Appendices 2 and 3 refer. A casting exercise was also carried out to ensure that input vat claimed corresponds to associated net amount. Invoices relating to capital expenditure were selected for vouching as to 100%. Purchases claimed were mainly due to capital investment; including labour and construction materials, as well as rental of construction equipment. **Findings –** in various instances there was no indication of the number of construction material and labour hours, billings for works carried out. In addition, no bill of quantities and architect's fees were made available to substantiate the input VAT claimed. Moreover, following an Audit Trail Exercise which is being carried out by Inspector Ms. Rachel Caruana in respect of Mr. Jason Zammit (MT 13213727) it was established that the following invoices which were claimed by BMER Contracting Ltd had different amounts and different names of customers on their respective manual fiscal receipts other than those presented by the company. Copies showing differences are attached in Appendix 4 – fol. 42 tal-proċess. These invoices also show that these are not issued in sequence.

| *Invoice Date* | *Invoice Number* | *Invoice Total €* | *Manual Fiscal Receipt Amount* | *VAT Claimed €* |
|---|---|---|---|---|
| *Jason Zammit* | | | | |
| *04.01.16* | *223 (App 2H/F) – fol 31 u 33 tal-proċess* | *59,000* | *272.91 (App. 4 – fol. 42 tal-proċess* | *9,000* |
| *14.12.15* | *101 (App 2E-F) – fol 30 u 31 tal-proċess* | *212,400* | *848.36 (App 4) – fol. 42 tal-proċess* | *32,400* |

In the meantime, the undersigned received original Manual Fiscal receipts books of Mr Martin Farrugia (MT1514-6535). These were made available by Intercomp Ltd. Copies are available in Appendix 5 – fol. 43 u 44 tal-proċess.

| *Invoice Date* | *Invoice Number* | *Invoice Total €* | *Manual Fiscal Receipt Amount* | *VAT Claimed €* |
|---|---|---|---|---|
| *Martin Farrugia* | | | | |
| *05.08.16* | *10844/16 (App 3B/D) – fol. 37 u 39 tal-proċess* | *165,200* | *165.20 (App. 5) – fol. 44 tal-proċess* | *25,200* |
| *27.10.16* | *10845/16 (App 3C-D) – fol. 38 u 39 tal-proċess* | *177,000* | *177.00 (App. 5) – fol. 43 tal-proċess* | *27,000* |

**Email correspondence –** We required further explanations and documentation about company's economic activity from Dr. Charles Attard. In this regard, several email reminders were sent but no reply was ever received, even after allowing ample time. Appendix 5 refers. Following production of records, the undersigned sent various reminders to obtain: Financial Statements, Memorandum and Articles of Association, VAT reports. (*fn. 10 Vide Appendix 6 a fol. 45 sa 47 tal-proċess)* **Audit Trail –** Given the substantial amounts of input VAT claimed all tax invoices pertaining to capital goods issued by Martin Farrugia (MT15146535), PF Holdings (MT23106713), Roderick Zahra (MT18551805) and Jason Zammit (MT 13213727) are referred for Audit Trail purposes as per table below.

| *Date* | *Supplier* | *Invoice Number* | *Net Amount (€)* |
|---|---|---|---|
| *05.08.16* | *Martin Farrugia* | *10844/2016* | *165,200* |
| *27.10.16* | *Martin Farrugia* | *10845/2016* | *177,000* |
| *28.09.16* | *PH Holdings Ltd* | *158* | *129,800* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| *02.11.15* | *Roderick Zahra* | *223-2015* | *190,000* |
| *27.11.15* | *Roderick Zahra* | *249-2015* | *160,000* |
| *04.01.16* | *Jason Zammit* | *223* | *59,000* |
| *14.12.15* | *Jason Zammit* | *101* | *212,400* |

**Conclusions and Recommendations –** Since from the information at hand, the company's economic activity cannot be ascertained to be taxable or exempt without credit, together with lack of explanation as to why no supplies are declared, one cannot entitle the company to input VAT claimed. In line with Article 22(2) of the VAT Act, whereby it is stated that "the input tax of a taxable person is the tax that becomes chargeable on – a) Supplies made to him; b) Intra-community acquisitions made by him, and c) Importations made by him. To the extent that the supplies so made and the goods so acquired or imported have been or are intended to be wholly used by him in the course of furtherance of his economic activity." Even though the undersigned was presented with tax invoices, in the absence of a detailed economic activity, the VAT Department is not in a position to confirm that input VAT claimed are intended to be used for the course of the economic activity. In addition, without the Memorandum and Articles and audited financial statements we cannot determine whether the company is building immovable property for re-sale. Further to this, findings in section 5 above indicate huge discrepancies in amounts/name of customers issued by the same supplier which clearly question the authenticity of expenditure claimed by the company. Therefore provisional assessments to €176,408.09 input VAT claimed in tax periods under review are to be raised as follows:

| *VAT Period* | *Box* | *Net amount (€)* | *Box* | *VAT amount (€)* |
|---|---|---|---|---|
| *01.11.15-31.01.16* | *30* | *580,000* | *36* | *104,400* |
| *01.08.16-31.10.16* | *30* | *400,000* | *36* | *72,800* |
| | *31* | *48.31* | *37* | *8.69* |

The conclusions reached in this report were solely verified according to the taxpayer's statements and documentation produced.

*Mir-Review Report (fn. 11 Dok. "E" fol. 53 u 54 tal-proċess) jirriżulta li l-istimi provviżorji ġew ikkonfermati u fil-fatt inħarġu l-istimi llum formanti l-meritu ta' dawn il-proċeduri. Ir-Review Officers waslu għall-konklużjoni tagħhom in bażi għas-*

*segwenti osservazzjonijiet:* **Tax Audit Conclusions –** During the tax audit, provisional assessments amounting to a VAT assessment of €176,409 were issued due to lack of information from the company's end regarding the economic activity given that no sales were declared during the periods under review. Consequently the investigating officer queries the eligibility of input VAT claimed by BMER Contracting Ltd. The following table indicates the provisional assessments raised to deduct the Input VAT claimed for the VAT period under review.

| *Tax Period* | *Box* | *Net Amount* | *Box* | *Vat Amount* |
|---|---|---|---|---|
| | | *€* | | *€* |
| *01/11/2015-31/01/2016* | *30* | *580,000* | *36* | *104,400* |
| *01/08/2016-31/10/2016* | *30* | *400,000* | *36* | *72,000* |
| | *31* | *48* | *37* | *9* |
| | | *980,048* | | *176,409* |

**Work carried out at Objection Review/Vat Review stage –** A meeting was held at the IRD on 20th November, 2017. Carmen Grech (ID no. 418075M), director and shareholder of the company and her husband Emanuel Grech attended the meeting together with their tax representative Charles Attard (accountant). The company's representatives pointed out that the company provides construction services. The company's representatives were asked to provide further details of how the invoices on which input VAT was claimed were settled. The company's director remarked that these invoices were settled by cash payments. **VAT Review/Income Tax Objection conclusion –** Considering the extent of the audit trail exercise carried out by the Department as indicated in the credit control report, and the fact the company's representatives were not in a position to provide sufficient proof of payment to settle the invoices on which VAT was claimed, it is being recommended to confirm the provisional assessments and issue final assessments as follows:

| *Vat Period* | *Box* | *Net Amount* | *Box* | *VAT amount* |
|---|---|---|---|---|
| | | *€* | | *€* |
| *01/11/2015-31/01/2016* | *30* | *580,000* | *36* | *104,400* |
| *01/08/2016-31/10/2016* | *30* | *400,000* | *36* | *72,000* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *01/08/2016-31/10/2016* | *31* | *48* | *37* | *9* |
| | | *980,048* | | *176,409* |

*Minn dawn iż-żewġ rapporti jirriżulta għalhekk li l-istimi għall-perijodi ta' taxxa 01.11.15-31.01.16 u 01.08.16-31.10.16 mertu ta' dawn il-proċeduri nħarġu abbażi ta' żewġ konsiderazzjonijiet: (i) fl-ewwel lok, is-soċjetà Rikorrenti naqset milli tipprova b'mod sodisfaċenti n-natura tal-attività ekonomika tagħha li hija intrinsikament marbuta mad-dritt ta' taxpayer għall-kreditu għall-input tax; (ii) fit-tieni lok, naqset milli debitament tissostanzja l-kreditu għall-input tax minnha reklamat fid-denunzji tagħha għall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni, partikolarment fid-dawl tal-fatt li kien hemm diskrepanzi notevoli u sostanzjali bejn il-*fiscal receipts *sottomessi minnha u dawk sottomessi minn uħud mis-suppliers tagħha.*

***In-natura tal-attività ekonomika tas-soċjetà Rikorrenti:***

*Huwa prinċipju fundamentali fil-liġi dwar taxxa fuq il-valur miżjud li:* l-input tax ta' persuna taxxabbli hija t-taxxa li jkollha titħallas fuq – (a) provvista magħmula lilha; (b) akkwisti magħmula minnha, u (ċ) importazzjonijiet magħmula minnha, sal-limitu li l-provvisti hekk magħmula u l-oġġetti hekk akkwistati jew importati **jintużaw jew ikunu maħsuba li jintużaw kollha kemm huma fil-kors jew avvanz tal-attività ekonomika tagħha** *(fn. 12 Enfasi tat-Tribunal) – Artikolu 22(2) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta b'mod ċar li biex provvista magħmula lil taxpayer u/jew akkwist u/jew importazzjoni magħmul mit-taxpayer jikkwalifika bħala input tax, dan għandu jkun intrinsikament marbut mal-attività ekonomika tat-taxpayer. Dana huwa hekk fid-dawl tad-drittijiet li jirriżultaw lit-taxpayer ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li:* kull persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 li tibgħat denunzja ta' taxxa għal żmien ta' taxxa għandu jkollha d-dritt li tnaqqas mill-input tax għal dak iż-żmien: (a) il-kreditu ta' input tax għal dak iż-żmien; (b) kull tnaqqis ieħor li jista' jkollha dritt għalih għal dak iż-żmien skont l-Għaxar Skeda, *liema tnaqqis jista' anke jirriżulta f'refużjoni a favur it-taxpyer ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Detto ċiò l-kreditu għall-input tax li taxpayer jista' jkollu dritt għalih ma huwiex xi dritt assolut u insindakabbli iżda huwa dritt ben regolat ai termini tal-Liġi, hekk kif joħroġ b'mod ċar mill-Artikolu 22(3)(4)(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdu li: (*3) Bla ħsara għas-subartikolu (5) – (a) il-kreditu għall-input tax ta' żmien ta' taxxa ta' persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 huwa ammont li jkun daqsinsew għall-input tax ta' dik il-persuna li jkollu jitħallas matul dak iż-żmien li huwa attribwibbli għall-

provvisti magħmula jew maħsuba li għandhom jintgħamlu minnha, li jkunu provvisti li għalihom japplika s-subartikolu (4); (b) il-kreditu għall-input tax għall-aħħar żmien ta' taxxa ta' persuna li r-reġistrazzjoni tagħha taħt l-artikolu 10 tkun ġiet imħassra huwa ammont li jkun daqsinsew għall-input tax ta' dik il-persuna li jkollu jitħallas matul dak iż-żmien li huwa attribwibbli għall-provvisti magħmula minnha sal-aħħar ta' dak iż-żmien, li jkunu provvisti li għalihom japplika s-subartikolu 4(4). Dan is-subartikolu japplika għal: (a) provvisti taxxabbli; (b) provvisti eżenti bil-kreditu; (ċ) provvisti magħmula barra minn Malta li kieku, jekk magħmula f'Malta, kienu jitqiesu taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att bħala provvisti taxxabbli jew provvisti eżenti bil-kreditu jew provvisti ntaxxati barra minn Malta li, kieku kienu magħmula f'Malta, kienu jkunu meqjusa bħala provvisti eżenti bla kreditu; (d) operazzjonijiet eżenti mill-VAT, li jirrelataw ma': (i) il-provvista minn persuni liċenzjati taħt l-Att dwar Intrapriżi ta' Assigurazzjoni jew l-Att dwar id-Distribuzzjoni tal-Assigurazzjoni ta' Servizzi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni, inklużi operazzjonijiet relatati, li dwarhom huma hekk liċenzjati; (ii) l-għoti u n-negozjar ta' kreditu u l-credit management mill-persuna li tkun tat dak il-kreditu; (iii) in-negozjar ta' jew kull għemil ta' negozju fi credit guarantees jew kull garanzija oħra dwar flus u l-immaniġġjar ta' credit guarantee mill-persuna li tkun qed tagħti dak il-kreditu; (iv) operazzjonijiet, inkluż negozjar, dwar kontijiet ta' depożitu u korrenti, ħlasijiet, trasferimenti, djun, cheques u strumenti negozjabbli oħra, iżda eskluż il-ġbir u l-factoring ta' djun; (v) operazzjonijiet, inkluż negozjar, dwar flus li jiċċirkolaw, noti bankarji, u muniti li normalment jintużaw fil-pajjiż; (vi) operazzjonijiet, inkluż negozjar, eskluż management u safekeeping, f'ishma, parteċipazzjonijiet f'kumpanniji jew assoċjazzjonijiet, debentures u titoli oħra, esklużi dokumenti li jistabbilixxu titoli għall-oġġetti; meta l-klijent ikun stabbilit barra l-Komunità jew meta dawk l-operazzjonijiet ikunu marbuta direttament ma' oġġetti li għandhom ikunu esportati lejn pajjiż barra l-Komunità. (5) id-dritt ta' kreditu ta' input tax, l-ammont ta' kreditu u l-mod li bih l-input tax hija attribwibbli għall-provvisti huwa suġġett għall-kondizzjonijiet, limitazzjonijiet, reviżjonijiet u aġġustamenti mniżżla fl-Għaxar Skeda.

*Id-disposizzjonijiet tal-Għaxar Skeda jerġgħu jtennu li: Partita 1 -* Ħlief hekk kif il-Kummissarju jista' mod ieħor jippermetti ma għandu jiġi permess lil persuna ebda kreditu għal input tax għal xi żmien ta' taxxa kemm-il darba ma ssirx talba skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dna l-Att. *Partita 2 -* (1) **Ma għandu jitqies ebda ammont bħala input tax ta' persuna kemm-il darba dik il-persuna ma iġġibx prova li dik it-taxxa kellha titħallas fuq il-provvisti ta' oġġetti u servizzi jew akkwisti intra-Komunitarji jew fuq importazzjonijiet ta' oġġetti li jkunu ġew jew ser jiġu wżati fil-kors ta' l-avvanz tal-attività ekonomika tagħha.** *(fn. 13 Enfasi tat-Tribunal)*

*Jiġi ribadit għalhekk li d-dritt għal kreditu għall-input tax ma huwiex wieħed assolut u insindakabbli, anzi a kuntrarju huwa dritt li t-taxpayer irid jipprova li huwa intitolat għalih u ma hemm ebda lok ta' assunzjonijiet azzardati fir-rigward da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi.*

*Apparti l-prinċipju ġenerali hawn appena enunċjat, in-natura tal-attività ekonomika u il-prova tal-istess huma ċentrali, partikolarment fejn tidħol input tax, anke għar-raġuni li ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta hemm provvisti, akkwisti u importazzjonijiet li huma eżenti bil-kreditu, ossia ma humiex soġġetti għall-ġbir ta' taxxa fuq il-valur miżjud iżda t-taxpayer xorta għandu dritt jirriklama l-kreditu għall-input tax, jew bla kreditu, ossia ma humiex soġġetti għall-ġbir ta' taxxa fuq il-valur miżjud u t-taxpayer ma għandux dritt jirriklama l-kreditu għall-input tax, skont id-disposizzjonijiet tal-Ħames Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Fil-qasam tal-kostruzzjoni tal-proprjetà, li huwa l-qasam li fih jidher li s-soċjetà Rikorrenti topera u li ħafna drabi jinvolvi wkoll l-ispekulazzjoni ta' dik il-proprjetà, l-identifikazzjoni eżatta tan-natura tal-attività ekonomika hija partikolarment importanti għaliex din tista' tkun: attività ta' kuntrattur li jibni proprjetà fuq inkarigu ta' terzi, attività din meqjusa bħala attività ekonomika għall-finijiet tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, attività ta' żviluppatur ta' proprjetà immobbli bl-iskop li huwa stess jikri l-proprjetà lil terzi, attività din ukoll meqjusa bħala attività ekonomika għall-finijiet tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta - fejn imbagħad jistgħu jidħlu kwistjonijiet ta' eżenjonijiet bil jew bla kreditu - jew negozju ta' żviluppatur ta' proprjetà immobbli bl-iskop li huwa jerġa' jbiegħ dik il-proprjetà, liema attività mhux meqjusa bħala attività ekonomika għall-finijiet tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk ċertament mhux kwalifikabbli għar-reklamar ta' input tax.*

*Huwa għalhekk li l-Kummissarju tat-Taxxi esiġa d-debita prova tan-natura tal-attività ekonomika tas-soċjetà Rikorrenti, prova li fil-każ in eżami hija partikolarment kruċjali in vista tal-fatt li matul il-perijodi ta' taxxa in kwistjoni, ossia 01.11.15-31.01.16 u 01.08.16- 31.10.16, is-soċjetà Rikorrenti ma ddikjarat l-ebda output tax, ossia ma iddikjarat l-ebda bejgħ.*

*Għalkemm mill-formula tar-reġistrazzjoni mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud esebita a fol. 13 u 14 tal-proċess, jirriżulta li l-attività ekonomika tas-soċjetà Rikorrenti taqa' taħt NACE Code 4120 -* Construction of residential and non-residential buildings*, għalkemm ukoll Dr. Charles Attard, accountant tas-soċjetà Rikorrenti, għarraf lill-Ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud Jonathan Fenech li* the company undertakes building and masonry alterations works and subcontracts same to third partie*s (fn. 14 Vide email datata 23 ta' Mejju, 2017, fol. 47 tal-proċess), għal raġuni inspjegabbli s-soċjetà Rikorrenti ma pprovdietx is-*

*segwenti dokumentazzjoni: Financial Statements għas-snin 2015 u 2016, li d-Dipartiment kien lest li jaċċetta li jikkunsidrahom anke jekk still in draft form, u l-Memorandum & Articles of Association tal-kumpannija, dokumentazzjoni din li setgħet tagħti stampa ferm iktar ċara u konkreta tal-attività ekonomika tagħha.*

*Din id-dokumentazzjoni kienet dokumentazzjoni faċilment disponibbli u ċertament a dispożizzjoni tas-soċjetà Rikorrenti, iżda għal raġunijiet li taf hija biss baqgħet ma ipprovdiethomx lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud bil-konsegwenza li l-kreditu għall-input tax minnha reklamat fid-denunzji tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.11.15-31.01.16 u 01.08.16-31.10.16 ġie miċħud mill-Kummissarju tat-Taxxi.*

*Stranament u minkejja l-fatt li fl-istadju ta' dawn il-proċeduri s-soċjetà Rikorrenti kienet ben konsapevoli tal-pożizzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi fir-rigward tan-natura tal-attività ekonomika tagħha - in effetti flimkien mar-Risposta tiegħu l-Kummissarju tat-Taxxi ssottometta l-Credit Control Exercise Report fejn fil-konklużjonijiet tiegħu kjarament jingħad* from the information at hand, the company's economic activity cannot be ascertained to be taxable or exempt without credit, together with lack of explanation as to why no supplies are declared, one cannot entitle the company to input VAT claimed *(fn. 15 fol. 21 tal-proċess) - hija naqset milli tieħu l-opportunità biex tipprova b'mod konkret in-natura tal-attività ekonomika tagħha iżda straħet biss fuq ix-xhieda ta' Carmen Grech (fn. 16 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru, 2019, fol. 78 u 79 tal-proċess), Direttur tal-imsemmija soċjetà, fejn kull ma qalet kien li l-intenzjoni tas-soċjetà Rikorrenti kienet li tibda taħdem fil-kostruzzjoni tal-bini*, li biex per eżempju persuna jkollha xi ħaġa x'tibni u aħna naħdmulha, bażikament kuntratturi ta' kull tip speċi*, u fuq is-sottomissjoni finali li d-Diretturi tas-soċjetà Rikorrenti huma nies ta' ftit skola u b'hekk mhux daqstant organizzati f'xogħolhom.*

*It-Tribunal iqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, tali prova da parti tas-soċjetà Rikorrenti ma hijiex aċċettabbli u ċertament ma hijiex ta' livell tali li tista' sodisfaċentament tipprova li minn dan l-aspett, l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-perijodi ta' taxxa 01.11.15-31.01.16 u 01.08.16-31.10.16 huma eċċessivi, oneru ta' prova minnha rikjesta a tenur tal-Partita 2(2) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Fir-rigward issir referenza għal dak osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet* ***A.B. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud****, pronunċjata fl-24 ta' Novembru, 2003 (fn. 17 Decisions of the Court of Appeal, Vol. 2, Każ Nru. 75, pġ. 184*): l-ilment *[tal-appellant taxpayer]* kontra s-sentenza appellata tista' tgħid li hu rakkjuż f'dak minnu preċiżat in coda għall-istess appell tiegħu. Jiġifieri li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli kienet difettuża għax kienet ibbażata fuq applikazzjoni skorretta tal-prinċipji legali dwar l-oneru tal-prova, dwar

x'jikkostitwixxi prova u dwar l-apprezzament tal-provi. … Jibda biex jingħad dak li hu ormai paċifiku illi in linea ġenerali f'materja ta' liġijiet fiskali l-oneru tal-provi hu dejjem mixħut fuq l-appellant li jkun ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Kummissarju. B'mod speċifiku, imbagħad, il-liġi in partikolari tipprovdi f'subinċiż (2) tal-Artikolu 4 tad-Disa' Skeda tal-Att XXIII tal-1998 (Kap.406) illi "jkun dmir tal-appellant li jġib prova li xi valur taxxabbli li ssir stima dwaru mill-Kummissarju jkun eċċessiv jew li xi kreditu li ssir stima dwaru mill-Kummissarju ma jkunx suffiċjenti". Huwa altru minn ċar illi din id-dispożizzjoni tixħet l-oneru tal-prova għal kollox fuq l-appellant. Li jfisser allura li l-Bord tal-Appelli kellu biss jasal għal konvinċiment jekk prova bħal din tkunx jew le tissodisfah. Kif rikapitulat fid-deċiżjoni fil-Kawża Nru.15 *(fn. 18 A.B. Ltd. V. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-11 ta' Ġunju, 2001.)*: "il-grad ta' prova meħtieġa, imbagħad, hi għal kollox f'idejn il-Bord tal-Appell. Kien hu li kellu jiddeċiedi jekk min japplika jkun ta dak it-tagħrif jew kjarifiki jkunx ġab dawk id-dokumenti ta' importazzjoni, fatturi ta' xiri u records oħra li jkollhom x'jaqsmu mal-ħażniet kummerċjali biex jissodisfa lill-Bord li t-teżi tiegħu kienet affidabbli u kredibbli". Huwa evidenti fil-każ in diskussjoni illi għall-Bord l-appellanti naqas li jiddisimpenja ruħu mill-oneru hekk inkombenti fuqu. Dan hu hekk tradott minn dik il-parti tad-dispositTiv tal-ġudikat li ssostni illi "l-appellant ma ġabx il-provi neċessarji sabiex ixejjen id-deċiżjoni tad-Dipartiment.

*Fiċ-ċirkostanzi għalhekk it-Tribunal, bħall-Kummissarju tat-Taxxi qablu, iqis li s-soċjetà Rikorrenti ma ressqitx prova sodisfaċenti dwar in-natura tal-attività ekonomika tagħha bil-konsegwenza għalhekk li ma jistax jiġi determinat jekk hijiex intitolata o meno għall-input tax.*

***Diskrepanzi bejn il-fiscal receipts sottomessi mis-soċjetà Rikorrenti u l-fiscal receipts tas-suppliers tagħha u nuqqas ta' prova da parti tas-soċjetà Rikorrenti in sostenn tal-kreditu għall-input tax reklamat minnha:***

*Żewġ fatturi oħra li, bla preġudizzju għal dak appena osservat, jimpinġu u jippreġudikaw it-talba tas-soċjetà Rikorrenti għall-kreditu għall-input tax huma d-diskrepanzi bejn il-fiscal receipts sottomessi minnha in sostenn tat-talba tagħha u l-fiscal receipts u ta' wħud mis-suppliers tagħha ravviżati mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-kors tal-credit control exercise li kellu kull dritt jagħmel fir-rigward ta' tali talba tas-soċjetà Rikorrenti, u n-nuqqas tal-istess soċjetà li debitament tissostanzja l-kreditu għall-input tax minnha reklamat.*

*Fid-denunzja tagħha għall-perijodu ta' taxxa 01.11.15-31.01.16 (fn. 19 fol. 24 tal-proċess), is-soċjetà Rikorrenti irreklamat is-somma ta' €104,400 bħala input tax. In sostenn ta' tali talba, l-imsemmija soċjetà ssottomettiet lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud: fattura maħruġa minn Rodrick Zahra datata 2 ta' Novembru, 2015*

*bin-Numru 223-2015 (fn. 20 fol. 27 tal-proċess) għall-valur komplessiv ta' €224,200, li minnu s-somma ta' €34,200 tirrappreżenta l-VAT,* ***u*** *l-fiscal receipt relattiva bin-numru 000369 datata 2 ta' Novembru, 2015 għall-valur ta' €224,200 (fn. 21 fol. 29 tal-proċess); fattura oħra maħruġa minn Rodrick Zahra datata 27 ta' Novembru, 2015 (fn. 22 fol. 28 tal-proċess) bin-Numru 249-2015 għall-valur komplessiv ta' €188,800 li minnu s-somma ta' €28,800 tirrappreżenta VAT,* ***u*** *l-fiscal receipt relattiva bin-numru 000372 datata 27 ta' Novembru, 2015 għall-valur ta' €188,800 (fn. 23 fol. 29 tal-proċess), fattura maħruġa minn Jason Zammit datata 14 ta' Diċembru, 2015 (fn. 24 fol. 30 tal-proċess) għall-valur komplessiv ta' €212,400, li minnu s-somma ta' €32,400 tirrappreżenta VAT,* ***u*** *l-fiscal receipt relattiva bin-numru 000049 datata 14 ta' Diċembru, 2015 għall-valur ta' €212,400 (fn. 25 fol. 31 tal-proċess), fattura oħra maħruġa minn Jason Zammit datata 4 ta' Jannar, 2016 (fn. 26 fol. 33 tal-proċess) għall-valur komplessiv ta' €59,000, li minnu s-somma ta' €9,000 tirrappreżenta l-VAT,* ***u*** *l-fiscal receipt relattiva bin-numru 000106 datata 4 ta' Jannar, 2016 għall-valur ta' €59,000 (fn. 27 fol. 31 tal-proċess).*

*Fid-denunzja tagħha għall-perijodu ta' taxxa 01.08.16-31.10.16 (fn. 28 fol. 34 tal-proċess) is-soċjetà Rikorrenti irreklamat is-somma ta' €72,008.69 bħala input tax. In sostenn ta' tali talba, l-imsemmija soċjetà ssottomettiet lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud: fattura maħruġa minn Martin Farrugia datata 5 ta' Awwissu, 2016 bin-Numru 10844/2016 (fn. 29 fol. 37 tal-proċess) għall-valur komplessiv ta' €165,200, li minnu s-somma ta' €25,200 tirrappreżenta l-VAT,* ***u*** *l-fiscal receipt relattiva bin-numru 001365 datata 5 ta' Awwissu, 2016 għall-valur ta' €165,200 (fn. 30 fol. 39 tal-proċess); fattura oħra maħruġa minn Martin Farrugia datata 27 ta' Ottubru, 2016 (fn. 31 fol. 38 tal-proċess) bin-Numru 10845/2016 għall-valur komplessiv ta' €177,000, li minnu s-somma ta' €27,000 tirrappreżenta VAT,* ***u*** *l-fiscal receipt relattiva bin-numru 001366 datata 27 ta' Ottubru, 2016 għall-valur ta' €177,000 (fn. 32 fol. 39 tal-proċess); fattura maħruġa minn P.F. Holdings Ltd. datata 28 ta' Settembru, 2016 (fn. 33 fol. 40 tal-proċess) għall-valur komplessiv ta' €129,800, li minnu s-somma ta' €19,800 tirrappreżenta VAT,* ***u*** *l-fiscal receipt relattiva bin-numru 000175 datata 28 ta' Settembru, 2016 għall-valur ta' €129,800 (fn. 34 fol. 41 tal-proċess).*

*Il-fiscal receipt bin-numru 000049 depożitata minn Jason Zammit mad-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud iġġib id-data 26 ta' Ottubru, 2015 (u mhux 14 ta' Diċembru, 2015) u nħarġet favur ċertu Luke Bezzina (u mhux is-soċjetà Rikorrenti) għall-valur ta' €848.36 (fn. 35 fol. 42 tal-proċess) (u mhux €212,400), il-fiscal receipt bin-numru 000106 depożitata minn Jason Zammit mad-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud iġġib id-data 28 ta' Ottubru, 2015 (u mhux 4 ta' Jannar, 2016) u nħarġet favur ċertu Mario Stivala (u mhux is-soċjetà Rikorrenti) għall-valur ta' €272.91 (fn. 36*

*ibid)(u mhux €59,000), il-fiscal receipt bin-numru 001365 depożitata minn Martin Farrugia mad-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud iġġib id-data 5 ta' Ottubru, 2016 (u mhux 5 ta' Awwissu, 2016) u nħarġet favur ċertu Charles Galea (u mhux is-soċjetà Rikorrenti) għall-valur ta' €165.20 (fn. 37 fol. 44 tal-proċess)(u mhux €165,200) u l-fiscal receipt bin-numru 001366 depożitata minn Martin Farrugia mad-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud iġġib id-data 27 ta' Ottubru, 2016 u nħarġet favur ċertu Brian Vella (u mhux is-soċjetà Rikorrenti) għall-valur ta' €177.00 (fn. 38 fol. 43 tal-proċess)(u mhux €177,000).*

*Fid-dawl ta' tali diskrepanzi li jinvolvu d-data tal-ħruġ, favur min inħarġet u l-valur indikat fil-fiscal receipts imsemmija kif ukoll fid-dawl tal-fatt li l-fatturi sottomessi mis-soċjetà Rikorrenti ma fihomx id-dettalji kollha rikjesti mil-Liġi, senjatament ma kienx fihom deskrizzjoni li tkun biżżejjed sabiex tiġi identifikata l-kwantità u n-natura tal-oġġetti provduti (fn. 39 Partita 2(f) tat-Tnax-il Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli fiż-żmien mertu ta' dawn il-proċeduri), il-Kummissarju tat-Taxxi ġustament talab lis-soċjetà Rikorrenti tissostanzja l-ammonti kollha minnha reklamati bħala input tax fid-denunzji tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.11.15-31.01.16 u 01.08.16-31.10.16. Minflok ma ppruvat tissostanzja dawn l-ammonti b'dokumentazzjoni li tissostanzja l-input tax minnha reklamata, bħal ad eżempju Bills of Quantities jew Architect's fees, is-soċjetà Rikorrenti sempliċement straħet fuq l-iskuża li hija ħallset lil dawn is-suppliers in kontanti u għaldaqstant l-unika prova li kellha kienu appuntu l-fatturi u fiscal receipts maħruġa a favur tagħha.*

*F'dawn il-proċeduri s-soċjetà Rikorrenti, għad illi kellha kull opportunità li tipprova l-input tax minnha reklamat, mill-ġdid sempliċement straħet fuq ix-xhieda tad-Direttur tagħha Carmen Grech (fn. 40 xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru, 2019, fol. 78 u 79 tal-proċess) li fir-rigward iddikjarat li s-soċjetà xtrat l-għodda li kellha bżonn bħal* scaffolding, shuttering, injam jiġifieri, u affarijiet hekk. Gaffa u li jkun hemm bżonn. Pereżempju shuttering ikollok bżonn ħafna biex inti ssaqqaf, ikollok bżonn ammont kbir. *Mistoqsija kif tħallsu dawn l-affarijiet kollha, hija wieġbet* kollox cash *iżda ma ressqet l-ebda prova oħra fir-rigward. Jiġi osservat illi għal dawn l-allegati provvisti u xogħlijiet meħtieġa biex tibda l-allegata attività tagħha s-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li nefqet €1,156,400 komplessivament. Dan l-ammont ta' flus ta' portata importanti minn x'imkien ġie, xi forma ta' rendikont fir-rigward bilfors hemm u nżamm, u għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, li waħedhom jammontaw għal €110,000, mhux kredibbli li ma hemmx Bills of Quantity u ħlasijiet lil Perit/Periti, u allura huwa leġttimu li wieħed jistaqsi fejn huma l-provi fir-rigward? Provi li fuq kollox kien fl-interess tas-soċjetà rikorrenti li tressaq partikolarment meta sabet ruħha f'sitwazzjoni fejn*

*il-fiscal receipts fil-pussess tagħha jidher li nħarġu minn uħud mis-suppliers tagħha a favur terzi u għall-valuri differenti. Hawn it-Tribunal josserva li l-iskuża li d-Diretturi tas-soċjetà Rikorrenti huma nies ta' ftit skola u b'hekk mhux daqstant organizzati f'xogħolhom, assolutament ma treġix.*

*Is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi wkoll li ladarba l-investigazzjoni fil-konfront ta' Martin Farrugia għadha ma ingħalqitx, bil-konsegwenza għalhekk li mhux magħruf liema mill-fiscal receipts huma ffabrikati, allura l-Kummissarju tat-Taxxi ma jistax jipproċedi billi jiċħdilha l-kreditu għall-input tax minnha reklamat. Din il-pretensjoni tas-soċjetà Rikorrenti fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ ma hijiex sostenibbli stante li, kif appena osservat, hija ma għamlet assolutament xejn biex tissostanzja l-input tax minnha reklamata, obbligu dan li jikkombi fuq it-taxpayer* a prescindere *u rrispettivament minn ċirkostanzi oħra li jikkaratterizzaw il-każ.*

*Apparti dan kollu appena osservat, issir referenza għal dak osservat fil-ktieb* ***Principles of Maltese VAT Law*** *ippublikat mill-Malta Institute of Management u edited minn Dr. Robert Attard dwar* Conditions to be met to claim deduction of input VAT - in order to be able to claim a credit for input VAT, **a taxable person must prove that the input tax being claimed was chargeable on supplies of goods and services or ICAs or importations of goods which have been or which will be used by him in the course or furtherance of his economic activity** *(fn. 41 Enfasi tat-Tribunal)*. In particular, the input VAT must be **supported by a tax invoice in respect of the tax relating to goods or services supplied to him and in respect of ICAs made by him**. In the case of importations a document of importation indicating the taxable person as the importer in respect of the tax on the importation is a pre-condition to claiming credit for input VAT. In fact, in L. Jorion & Société anonyme d'étude et de gestion immobiliére (EGI) (Joined Cases 123/87 and 330/87), **the ECJ held that the Sixth Directive allows Member States to make the exercise of the right of deduction subject to the possession of a valid tax invoice which contains the details required by law**. **However, such particulars must not be reason of their number or technical nature which make the exercise of such a right excessively burdensome. Although the Tenth Schedule to the VAT Act provides that an invoice is essential in order for a taxable person to be able to claim a deduction of input tax, in the case of services and goods in respect of which output VAT is to be accounted for and paid by the customer, in terms of Article 20(2) of the VAT Act, this requirement seems not to be strictly necessary** *(fn. 42 Enfasi tat-Tribunal)*. In Gerhard Bockemühl (Case C-90/02), the ECJ held that where the reverse charge mechanism applies and the recipient to be in possession of a valid invoice in order to be able to exercise the right of deduction. The jurisprudence of the European Court of Justice case law introduced another

condition for the claim of input VAT credit, namely that the claim for credit must be made in good faith, a condition which is implied in Community Law. In Genius Holding BV (Case 342/87), **it was held that the right to deduction is applicable only in respect of VAT actually due, that is 'taxes corresponding to a transaction subject to VAT or paid in so far that they were due'. This conclusion was refined in Strobel (Case C-454/98) where the ECJ allowed the deduction of input VAT (on a supply which never took place) provided that the supplier had actually paid the VAT collected to the tax authorities and admitted to the wrong doing** *(fn. 43 enfasi tat-Tribunal)*. In addition, in Reemtsma Cigarettenfabriken (Case C-35/05) the ECJ held that in the absence of EU Laws on the repayment of taxes charge in error, it is for the domestic legal system of each Member State to lay down the conditions under which applications for refund can be made, provided that the principles of equivalence and effectiveness are met *(fn. 44 – Paġna 55 u 56)*.

*Minn dawn il-prinċipji jirriżulta b'mod ċar li tgħid x'tgħid is-soċjetà Rikorrenti, fin-nuqqas ta' prova da parti tagħha li debitament u konkretament tissostanzja l-input tax minnha rekalamata fid-denunzji tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.11.15-31.01.16 u 01.08.16- 31.10.16, una volta li l-fatturi minnha sottomessi evidentement ma humiex prova suffiċjenti, u fin-nuqqas ta' ħlas tat-taxxa relattiva da parti tas-supplier tagħha li jikkorobora l-input tax minnha reklamata, dan it-Tribunal, bħall-Kummissarju tat-Taxxi qablu, ma jistax jikkonkludi li l-kreditu għall-input tax minnha reklamat huwa ġustifikat u dovut.*

*Għaldaqstant, tħares minn fejn tħares lejn l-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.11.15-31.01.16 u 01.08.16-31.10.16, jirriżulta li tali appell ma huwiex ġustifikat u ma jistħoqqx li jiġi milqugħ.*

*Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-perijodi ta' taxxa 01.11.15-31.01.16 u 01.08.16-31.10.16 u minflok jikkonferma l-istess imsemmija stimi.*

*L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mis-soċjetà Rikorrenti.*

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fl-14 ta' Marzu, 2023, is-soċjetà rikorrenti talbet lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata, u

tipproċedi bl-akkoljiment tat-talbiet fir-rikors promutur tagħha, filwaqt li tordna l-kanċellament tad-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat kif kontenuta fl-ittra tat-28 ta' Settembru, 2018, li tirreferi għall-perijodu bejn l-1 ta' Novembru, 2015 sal-31 ta' Jannar, 2016, u għall-perijodu bejn l-1 t'Awwissu, 2016 u l-31 ta' Ottubru, 2016, u konsegwentement tiddikjara li l-ebda taxxa tal-VAT jew penali m'huma dovuti lill-Kummissarju intimat.

6. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata bis-sentenza tat-Tribunal, għaliex dan spostja l-oneru tal-prova tat-taxxa dovuta, minn fuq il-Kummissarju appellat għal fuqha, b'tali mod li rrikjeda prova ferm ogħla minn dak li huwa normalment rikjest mit-*taxpayer.* Qalet li filwaqt li f'każijiet fejn jiġu allegata frodi u qerq, il-Kummissarju tat-Taxxi jitfa' l-oneru tal-prova fuq it-*taxpayer,* mhux kull każ fejn jiġi allegat li ma ġietx dikjarata t-taxxa dovuta, għandu jitqies bħala każ ta' frodi u qerq kontra l-Kummissarju. L-appellanta qalet li fil-każ odjern jirriżulta li hija kienet ippreżentat *invoices* għal għodda mixtrija, u anki kienet attendiet għal laqgħat mad-Dipartiment tat-Taxxi flimkien mal-accountant tagħha Charles Attard. Qalet li peress li l-ammonti li kienu qegħdin jiġu *claimed* għall-fini ta' VAT kienu kbar, l-*invoices* ġew ivverifikati, u saret komputazzjoni bejn l-*invoices* u l-irċevuti esebiti minnha u r-*returned manual fiscal receipt books* tal-persuni li mingħandhom inxtrat l-għodda. Qalet li kien hemm li rriżultaw xi diskrepanzi, u r-rapport tal-Kummissarju irrakkomanda *audit trail exercise* fuq *invoices* oħra tal-imsemmija Martin Farrugia, Roderick Zahra, Jason Zammit, u anke tas-soċjetà PF Holdings Limited. L-appellanta saħqet li rriżultaw nuqqasijiet serji min-naħa tal-Kummissarju appellat, għaliex dan ipproċeda *b'assessment* kontra tagħha mingħajr ma għamel investigazzjoni serja kontra l-persuni l-oħra msemmija. Qalet ukoll li tul

il-proċeduri, hija talbet lill-Kummissarju jixhed dwar x'investigazzjonijiet saru kontra Martin Farrugia, u l-Kummissarju appellat kien irrifjuta li jagħti din l-informazzjoni. Qalet li kien biss wara li kien hemm digriet tat-Tribunal, li l-Kummissarju ta din l-informazzjoni, u qal li l-investigazzjoni kontra Martin Farrugia kienet għadha ma ġietx konkluża.

7. Is-soċjetà appellanta sostniet li d-dikjarazzjonijiet magħmula minnha kienu korretti, u kienu s-sottomissjonijiet tal-persuni li hija akkwistat mingħandhom li kienu żbaljati. Qalet ukoll li jekk l-*invoices* li hija għandha mhumiex riflessi fid-dikjarazzjoni ta' dħul ta' dawn il-persuni, il-Kummissarju appellat ma setax jippreżumi li kienet is-soċjetà appellanta li kienet qiegħda tqarraq, u mhux min ipprovdielha l-għodda. Qalet li fil-fatt kien probabbli li min issupplixxa l-għodda ipprova jaħbi l-introjtu tiegħu sabiex iħallas anqas VAT. Qalet ukoll li l-Kummissarju appellat għamel l-assunzjonijiet tiegħu mingħajr ma kien għadu kkonkluda l-investigazzjoni tiegħu fil-konfront tal-persuni l-oħra involuti. Qalet li mill-banda l-oħra, hija ppreżentat il-provi kollha li setgħet raġonevolment tipproduċi, iżda minkejja dan it-Tribunal xorta waħda kkonkluda li dawn il-provi ma kienux suffiċjenti. L-appellanta qalet li hija mhux biss ipprovdiet dak kollu li setgħet tipproduċi bħala prova, iżda saret ukoll laqgħa fejn kien hemm preżenti l-*accountant* tagħha Charles Attard. Qalet ukoll li mhux f'kull proġett bħal dan jiġu pprovduti *bills of quantities,* u fiż-żmien rilevanti ma kienux rikjesti l-formalitajiet li huma rikjesti llum il-ġurnata mill-kuntratturi, fejn dak iż-żmien kuntrattur lanqas ma kellu l-ħtieġa li jirreġistra bħala tali.

8. Is-soċjetà appellanta qalet li dan huwa l-kamp ċivili u amministrattiv, fejn wieħed mill-prinċipji ewlenin huwa li min jallega jrid jipprova, u li huwa biżżejjed

li wieħed jipprova t-teżi tiegħu fuq il-bażi ta' probabbiltajiet. L-appellanta qalet ukoll li jrid jiġi enfasizzat li kull dipartiment governattiv, inkluż dak tat-taxxa, huwa marbut li jimxi b'mod raġonevoli, u dan huwa prinċipju li ġie affermat f'għadd ta' sentenzi tal-Qrati tagħna.

**Ir-Risposta tal-Appell**

9. Il-Kummissarju appellat eċċepixxa li l-appell tas-soċjetà appellanta huwa null u legalment improponibbli għaliex m'għandux bażi legali fuq xiex jistrieħ, u dan *ai termini* ta' dak li jipprovdi l-artikolu 47(1) tal-Kap. 406, li jgħid li appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal jistgħu jsiru biss fuq punti ta' liġi. Il-Kummissarju appellat qal li jekk wieħed janalizza r-rikors tal-appell tas-soċjetà appellanta, għandu jirriżulta li dan huwa bbażat fuq analiżi tal-fatti. Il-Kummissarju appellat qal li mad-daqqa t'għajn għandu jirriżulta li t-Tribunal evalwa b'mod sħiħ il-provi jew l-allegazzjonijiet li kellu quddiemu, u li huwa ressaq dokumentazzjoni, xhieda u rapporti bħala provi. Qal li mhux l-istess jista' jingħad għas-soċjetà appellanta, u anki t-Tribunal irrimarka li din naqset milli tissodisfa l-oneru tal-provi li kien jinkombi fuqha, u ma pprovdietx provi b'mod sodisfaċenti. Qal li kien għalhekk li t-Tribunal iddeċieda li l-appell intavolat mis-soċjetà appellanta ma kienx iġġustifikat, u għalhekk ikkonferma l-istejjem maħruġa mill-Kummissarju appellat.

10. Il-Kummissarju appellat spjega li s-soċjetà appellanta rreġistrat bħala persuna taxxabbli, li ser tkun qiegħda tagħmel xogħol ta' kostruzzjoni ta' bini residenzjali u mhux residenzjali, *ai termini* tal-artikolu 10 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Spjega li fil-5 ta' Mejju, 2017 huwa kiteb lis-soċjetà appellanta, u

talabha tgħaddilu d-dokumentazzjoni neċessarja u l-kotba tan-negozju elenkati fl-istess korrispondenza, sabiex ikun jista' jibda investigazzjoni dwarha. Qal li minn din l-investigazzjoni rriżulta li s-soċjetà appellanta talbet €176,408.09 *f'Input VAT* li ma kinitx dovuta lilha, u l-Kummissarju wasal għal din il-konklużjoni wara li s-soċjetà appellanta naqset b'mod grossolan milli tiddefinixxi l-attività ekonomika tagħha skont id-dettami tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellat qal li huwa kiteb ittra lis-soċjetà appellanta, u hemmhekk annetta l-istejjem provviżorji. Spjega li kien hemmhekk li s-soċjetà appellanta talbet li jsirilha *review.* L-appellat qal li huwa talab lis-soċjetà appellanta tippreżentalu d-dokumentazzjoni neċessarja sabiex tkun tista' tiċċara l-pożizzjoni tagħha dwar pagamenti li allegatament għamlet fuq l-infiq kapitali, iżda l-ispjegazzjoni mogħtija ma kienitx tali li l-istejjem provviżorji setgħu jiġu kkanċellati, u għalhekk l-appellat ma kellu l-ebda triq oħra għajr li jikkonferma l-imsemmija stejjem. Qal li l-appellanta ma aċċettatx dawn l-istejjem u kkontestathom permezz ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, li fid-deċiżjoni tiegħu ċaħad l-appell tas-soċjetà appellanta.

12. Il-Kummissarju appellat qal li dan l-appell mhux ammissibbli għaliex l-appellanta setgħet tappella biss fuq punt ta' liġi, u fil-każ odjern l-appell huwa bbażat fuq punti ta' fatt, u għalhekk dan l-appell kien improponibbli. Qal li dak li qiegħda tallega l-appellanta, li t-Tribunal spostja l-oneru tal-prova tat-taxxa dovuta għal fuqha, mhuwiex veritier, u dan mhuwiex dak li ngħad fis-sentenza tat-Tribunal. L-appellat qal li t-Tribunal ikkwota d-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 406, u qal li s-soċjetà appellanta mhijiex korretta dwar min mill-partijiet għandu jiskarika l-oneru tal-prova. Qal li f'dan ir-rigward il-Partita 2(2) tad-IX Skeda tal-Kap. 406, ma tħalli ebda spazju għal xi forma ta' interpretazzjoni,

għaliex fil-fatt tgħid li jkun dmir tal-appellant li jġib prova li l-valur taxxabbli li ssir stima dwaru mill-Kummissarju huwa eċċessiv jew li xi kreditu li sar stima dwaru mill-Kummissarju mhuwiex suffiċjenti. Qal li l-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta huwa *lex specialis,* liġi ta' natura unika u speċifika, u din il-liġi hija ta' natura fiskali. Il-Kummissarju appellat qal li huwa prinċipju bażilari li l-liġi fiskali għandha tiġi interpretata b'mod ristrett. Il-Kummissarju appellat qal li s-soċjetà appellanta naqset bl-aktar mod grossolan milli tiskarika l-oneru tal-prova li jinkombi fuqha *ope legis,* sabiex tipprova jekk l-*Input VAT* kienx inkors minnha, kienx veru, u kienx inkors matul l-attività ekonomika tagħha. Qal li d-dritt għall-*Input VAT,* minkejja li huwa dritt sagrosant, irid jitħaddem skont diversi parametri, kif ben dettati mill-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-appellanta baqgħet ma ċċaratx x'inhi l-attività ekonomika tagħha, la fl-istadju tal-investigazzjoni u lanqas tar-*review.* Kompla jgħid li huwa prinċipju bażilari li fil-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, id-dritt għall-*Input VAT* huwa marbut intrinsikament mal-attività ekonomika *o meno* li jkun qiegħed jagħmel pagatur tat-taxxa. Kompla jgħid li ladarba s-soċjetà appellanta naqset milli tipprova n-natura tal-attività ekonomika tagħha, segwa li l-Kummissarju appellat ħadilha d-dritt tal-*Input VAT* reklamat minnha.

13. Il-Kummissarju appellat qal li f'tentattiv sabiex tipprova toskura l-operat tiegħu, is-soċjetà appellanta qiegħda tallega li huwa ma użax id-diskrezzjoni tiegħu b'mod raġonevoli, u qal li l-operat tiegħu jsir fl-isfond li jiġi mħares l-erarju pubbliku. Qal li dan tant huwa minnu, li s-soċjetà appellanta għal aktar minn darba ġiet mitluba tissostanzja t-talbiet tat-taxxa li kienet qiegħda tagħmel fid-denunzji tagħha. Qal li huwa kien rinfaċċjat b'sitwazzjoni fejn tul il-kors tal-investigazzjoni tiegħu sab li ċ-ċifri fuq id-dokumentazzjoni ppreżentata lilu ma

kienux jaqblu, u li minkejja li s-soċjetà appellanta intalbet tippreżenta spjegazzjonijiet u informazzjoni sabiex tikkorrobora din id-diskrepanza, s-soċjetà appellanta baqgħet inadempjenti. Qal li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju raġonevoli li s-soċjetà appellanta naqset milli tottempera ruħha ma' dak li jipprovdi l-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta dwar il-preżentazzjoni tad-dokumenti u ż-żamma tagħhom. Il-Kummissarju appellat qal li huwa eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu raġonevolment, u mhux arbitrarjament għaliex kellu xi preġudizzju kontra l-appellanta, iżda fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ kellu jiddeċiedi. Qal li din id-deċiżjoni kienet waħda razzjonali u fil-parametri ta' dak li huwa raġonevoli kif jitlob id-dritt amministrattiv. Il-Kummissarju appellat qal li din id-deċiżjoni hija bbażata fuq fatti konkreti u li jitkellmu waħedhom, u għalhekk m'għandhiex tiġi ttimbrata bħala waħda arbitrarja u irraġonevoli. Il-Kummissarju appellat qal li t-Tribunal mar oltre minn dak li qiegħed jiġi allegat mill-appellanta fl-aggravju tagħha, u t-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li kkunsidra l-provi miġjuba mill-partijiet, u kkonkluda li l-provi miġjuba mill-Kummissarju appellat, huma aktar ta' min joqgħod fuqhom. Qal li anki jekk id-deċiżjoni tat-Tribunal ma għoġbitx lis-soċjetà appellanta, dan ma jfissirx li d-deċiżjoni appellata ingħatat abbażi ta' interpretazzjoni żbaljata tal-fatti. Il-Kummissarju appellat qal li d-deċiżjoni appellata setgħet tiġi appellata fuq punt ta' liġi biss, mentri dan l-appell huwa bbażat totalment fuq punti ta' fatt dwar il-provi mressqa u fuq in-nuqqas tal-appellanta li tipprovdi informazzjoni u dokumentazzjoni sabiex tissostanzja l-każ tagħha dwar l-ammonti kif maħduma minnha. Il-Kummissarju appellat qal li kwalunkwe aggravju bbażat fuq punt ta' fatt li jingħata sembjanza ta' aggravju fuq punt ta' liġi, għandu jiġi skartat minn din il-Qorti.

14. Il-Kummissarju appellat ikkonkluda billi qal li l-appell ippreżentat mis-soċjetà appellanta għandu jiġi miċħud għaliex huwa infondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, għaliex huwa legalment improponibbli billi jikser id-dettami tal-artikolu 47 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, u talab lil din il-Qorti tikkonferma d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal, stante li hija ġusta u tikkonforma mal-liġi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-Kummissarju appellat.

*L-Ewwel Aggravju:* *[Dwar l-iskariku tal-oneru tal-prova]*

16. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni appellata, għaliex it-Tribunl spostja l-oneru tal-prova dwar it-taxxa dovuta minn fuq il-Kummissarju appellat għal fuqha, bħala t-*taxpayer.* Qalet li fil-każ odjern, il-Kummissarju appellat talab mingħandha prova fi grad akbar minn dik li normalment tintalab mingħand it-*taxpayer,* u dan meta hawnhekk mhuwiex każ ta' frodi jew qerq min-naħa tagħha. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija kienet akkwistat diversi inġenji bl-iskop li tiġġestixxi attività ekonomika fil-qasam tal-kostruzzjoni, u ppreżentat diversi fatturi u *invoices* bħala prova ta' dan l-akkwist. Qalet li minkejja dan, il-Kummissarju appellat infurmaha li ma kienx ser jipproċessa t-talba tagħha għal *refund.* Qalet li l-ħlas għall-akkwist ta' dawn l-oġġetti sar bi flus kontanti, u għalhekk hija m'għandhiex evidenza oħra

x'tipproduċi għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju appellat, iżda saħqet li b'daqshekk ma jfissirx li t-tranżazzjoni in kwistjoni mhux veru li seħħet. Is-soċjetà appellanta qalet li l-Kummissarju appellat ma kienx korrett meta wara li ġie stabbilit li kien hemm xi diskrepanzi bejn iċ-ċifri fid-dokumentazzjoni ppreżentata minnha u ċ-ċifri fid-dokumentazzjoni ppreżentata mis-*suppliers* tagħha, dan ikkonkluda li d-dokumentazzjoni prodotta minnha ma kienitx suffiċjenti, u għalhekk ipproċeda bil-ħruġ tal-istejjem fil-konfront tagħha. Qalet li hija pproduċiet il-provi kollha li kellha fil-pussess tagħha, madanakollu t-Tribunal qal li ma kienx sodisfatt bil-kwalità tal-provi miġjuba minnha.

17. Il-Qorti tirrileva li appelli minn deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, huma regolati bl-artikolu 47(1) tal-istess Att, li jgħid li appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal li jsiru quddiem din il-Qorti, għandhom ikunu bbażati fuq punti ta' liġi. L-ewwel aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta huwa li t-Tribunal skarika l-oneru tal-prova minn fuq l-appellat għal fuqha. B'dan l-aggravju s-soċjetà appellanta qiegħda titlob lil din il-Qorti tevalwa mill-ġdid il-provi prodotti quddiem it-Tribunal sabiex tiddetermina jekk dak li ġie allegat mis-soċjetà appellanta huwiex minnu. Din il-Qorti tqis li m'hemm l-ebda punt ta' liġi li l-appellanta qiegħda titlob lil din il-Qorti tevalwa u tiddeċiedi dwaru mill-ġdid, u l-ewwel aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta huwa biss talba biex din il-Qorti tesprimi l-fehma tagħha dwar id-diskrezzjoni li uża t-Tribunal sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Il-Qorti ssib li lanqas li kieku kellu jiġi applikat l-artikolu tal-liġi għaċ-ċirkostanzi tal-każ, jiġifieri l-Partita 2 li taqa' taħt id-Disa' Skeda il-Kap. 406, ma jirriżulta sostanzjat dak li tgħid is-soċjetà appellanta, u dan għaliex dan l-artikolu tal-liġi jgħid illi:

> "Ikun dmir tal-appellant li jġib prova li xi valur taxxabbli li ssir stima dwaru mill-Kummissarju jkun eċċessiv jew li xi kreditu li ssir stima dwaru mill-Kummissarju ma jkunx suffiċjenti."

18. Għaldaqstant l-argument prinċipali tas-soċjetà appellanta ma jsibx konfort lanqas fit-test tal-liġi, li jgħid b'mod ċar li huwa dmir tal-parti li qiegħda tappella, li ġġib provi suffiċjenti sabiex tipprova li l-valur taxxabbli li tkun saret stima dwaru mill-Kummissarju appellat huwa eċċessiv, jew inkella li xi kreditu li ssir stima dwaru mill-Kummissarju ma jkunx suffiċjenti. Hawnhekk il-Qorti tqis li s-soċjetà appellanta la għandha raġun fin-natura tal-aggravju li qiegħda tressaq, ladarba dan mhux ibbażat fuq xi punt ta' liġi li ddeċieda dwaru t-Tribunal, u lanqas m'għandha raġun meta tgħid li t-Tribunal żbalja għaliex skarika l-oneru tal-prova fuqha, għaliex minn qari tal-liġi applikabbli jirriżulta li dan huwa proprju dak li kellu jagħmel it-Tribunal. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija ressqet kull prova li kellha fil-pussess tagħha, u qiegħda tippretendi li t-Tribunal kellu jkun sodisfatt li hija ħallset għall-akkwist tal-inġenji fi flus kontanti, u huwa għalhekk li hija m'għandhiex provi aħjar x'tippreżenta in sostenn tal-pretensjoni tagħha. Il-Qorti tqis li din l-ammissjoni min-naħa tal-appellanta, diġà tindika li anki s-soċjetà appellanta nnifisha taf li l-provi mressqa minnha mhumiex ta' kwalità tali li bihom setgħet tikkonvinċi lill-Kummissarju appellat jew lit-Tribunal dwar il-pożizzjoni li hija ħadet f'dawn il-proċeduri. Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza meħtieġa sabiex tapprofondixxi aktar dwar dan l-ewwel aggravju, ladarba mhux ibbażat fuq xi punt ta' liġi deċiż mit-Tribunal, u għalhekk sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Id-dmir tal-Kummissarju li jimxi mal-prinċipju tar-raġonevolezza]*

19. Is-soċjetà appellanta tagħmel riferiment għal sentenzi li jagħtu konfort lil din il-pożizzjoni tagħha, imma tonqos milli tispjega b'liema mod il-Kummissarju tat-Taxxa ma mexiex b'mod raġonevoli fid-deċiżjoni li ħa, liema deċiżjoni ġiet ikkonfermata mit-Tribunal. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li proċeduralment għandu jirriżulta li minkejja li l-Kummissarju tat-Taxxa ta ċans lis-soċjetà appellanta tressaq talba formali għal *review* f'każ ta' nuqqas ta' qbil mal-istejjem provviżorji maħruġa fil-konfront tagħha, u minkejja li s-soċjetà appellanta tablet għal tali *review,* meta ġie biex jevalwa l-każ tagħha mill-ġdid, il-Kummissarju appellat sab li d-dokumentazzjoni pprovduta minnha ma kienitx suffiċjenti, jew kien fiha diversi diskrepanzi speċjalment fir-rigward tas-*suppliers* tal-inġenji u tal-materjali l-oħra użati fil-kors tal-allegata attività ekonomika intrapriża mill-appellanta. Fil-każ odjern jirriżulta li t-Tribunal iddeċieda abbażi tal-provi, tad-dokumenti u tax-xhieda li tressqu quddiemu mill-partijiet, wara li rrimarka li ma kienx sodisfatt bil-grad u bil-kwalità tal-provi miġjuba quddiemu mis-soċjetà appellanta. Hawnhekk għandu jingħad li fost il-problemi msemmija mit-Tribunal, hemm il-fatt li f'diversi fatturi u *invoices* li ġew ippreżentati, irriżultaw diversi diskrepanzi bejn il-*manual fiscal receipts* ippreżentati mis-soċjetà appellanta u dawk sottomessi mis-*suppliers* tagħha, u s-soċjetà appellanta naqset mhux ftit meta minkejja d-diversi talbiet li sarulha, baqgħet ma tat l-ebda spjegazzjoni ċara dwar in-natura tal-attività ekonomika tagħha, u minflok baqgħet tiddeskrivi din l-attività ekonomika b'mod ġeneriku ħafna li ma setax jiġi ppruvat. Il-Qorti tirrileva li x-xogħol tal-Kummissarju appellat huwa intrinsikament marbut mal-ħarsien tal-erarju pubbliku, u mal-ħtieġa li jiġi

assigurat li l-Istat jiġbor it-taxxi u l-ħlasijiet amministrattivi dovuta lilu. Huwa d-dmir fundamentali ta’ kull ċittadin li jħallas dak li huwa dovut minnu lill-Istat. Fil-każ odjern jirriżultaw wisq diskrepanzi u kien hemm nuqqas sostanzjali ta’ provi mis-soċjetà appellanta, b’tali mod li l-Kummissarju ma setax jikkonkludi mod ieħor, għajr li s-soċjetà appellanta mhijiex intitolata għall-*input VAT* pretiża minnha. It-Tribunal, wara li evalwa l-provi li tressqu quddiemu miż-żewġ partijiet involuti f’dawn il-proċeduri, iddeċieda li għandu jingħata raġun il-Kummissarju appellat fid-deċiżjoni li ħa. Il-Qorti tqis li ma sar xejn li ma jonorax il-prinċipju tar-raġonevolezza fl-iter proċedurali segwit mill-Kummissarju appellat, u fid-deċiżjoni eventwalment meħuda minnu, liema deċiżjoni ġiet ikkonfermata wkoll mit-Tribunal. Quddiem ċifri li ma qablux, ċifri dubbjużi kif jirriżulta mill-analiżi li għamel it-Tribunal, diskrepanzi bejn dak li qiegħda tgħid is-soċjetà appellanta u dak li qegħdin jgħidu t-terzi li kienu s-*suppliers* tagħha, b’uħud minnhom li qegħdin jiffaċċjaw proċeduri legali separati minn dawk odjerni, kif ukoll il-fatt li minkejja li saret il-proċedura ta’ *review,* il-Kummissarju xorta waħda ma kienx sodisfatt bil-provi miġjuba mis-soċjetà appellanta, il-Qorti ma ssib xejn li mhux raġonevoli fl-istejjem provviżorji maħruġa mill-Kummissarju appellat, u fid-deċiżjoni eventwali tiegħu. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu wkoll.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**